**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D**

**Kumpilazzjoni 165/2021**

**IL-PULIZIJA**
**[Spettur Priscilla Caruana Lee]**

**-Vs-**

**DANTE BUHAGIAR**

**Illum 29 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' DANTE BHUAGIAR detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 191303L fejn gie akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu 2021 ghall-habta ta' bejn il-17:10hrs u s-18.00hrs minn gewwa l-fond numru 150, Triq il-Punent, Valletta:-**

1. **Ikkometta serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Giorgia Buhagiar u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u**

**sebgha u tletin centezmu (€2.329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 269 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. **Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer kkometta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mil-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D nhar id-9 ta' Settembru, 2020, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tigi mibdula.**

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Giorgia Buhagiar jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu tal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fl-20 ta' Marzu 2021 (Dok. PCL1) biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur taqra u tikkonferma l-akkuzi bil-gurament fil-21 ta' Marzu 2021 u semghet lill-imputat waqt l-interrogatorju, iwiegeb li mhux hati;

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-5 ta' April 2021 ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih;

Rat illi din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara illi (i) il-Qorti fissritlu x-xorta tal-akkuzi migjuba kontrih kif ukoll il-piena erogabbli; (ii) sospendiet is-seduta fattwalment biex taghti lill-imputat hin biex jirrikonsidra d-dikjarazzjoni tal-

htija tieghu u biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu; (iii) l-imputat iddikjara li huwa nghata bizzejjed hin biex jikkontempla d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu; u (ii) il-Qorti fehmitu, u tinsab konvinta li l-imputat fehem, l-imputazzjoni li jinsab mixli biha u l-piena erogabbli.

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-5 ta' April 2021 il-Qorti laqghet it-talba tal-imputat u ordnat illi ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jithejja rapport ta' qabel is-sentenza fil-konfront tal-istess imputat;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard fl-udjenza tad-29 ta' April 2021 u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza dwar il-piena;

Semghet liz-zewg partijiet jaqblu li in vista tax-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation u r-rapport ta' qabel is-sentenza, ikun xieraq li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation in linea ta' piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li saret fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u wara li qieset li hija sodisfatta li l-imputat fehem l-import tal-imputazzjonijiet u l-piena erogabbli, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet gew debitament ippruvati u illi b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess akkuzi.

Illi ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, l-eta` zghira tieghu izda fuq kollox ir-rakkomandazzjonijiet li ghamlet l-ufficjal tal-Probation fix-xhieda taghha kif ukoll fir-rapport ta' qabel is-

sentenza mhejji minnha. Minn dan jirrizulta illi l-imputat diga` tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet snin permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Settembru 2020 u bis-sahha ta' din l-Ordni beda jigi mfassal pjan ta' kura ghall-imputat wara li nzammu hafna laqghat u wara li l-imputat beda jattendi ghal sessjonijiet ma' psychotherapist u beda jigi segwit ukoll minn psikjatra. Dan kollu bil-hsieb li l-imputat jipprepara ruhu biex jidhol ghal programm residenzjali biex jeghleb il-vizzju tad-droga. Huwa evidenti li qieghda ssir hidma intensiva biex fi zmien qasir l-imputat jista' jibda l-programm residenzjali biex jinghata l-ghajnuna li jehtieg biex jeghleb il-vizzju tad-droga u l-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jkompli jitwettaq dan il-pjan ta' kura li l-imputat jidher ukoll li huwa kommess li jsegwi bl-ghajnuna u appogg tat-tim mill-Ibwar u professjonisti ohrajn li qeghdin isegwuh fil-prezent, kif ukoll, senjatament bis-sapport ta' Noel Vella li jagixxi bhala missier *de facto* tal-imputat. Qieset ukoll il-fatt li, kif jirrizulta mix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation, l-imputat huwa persuna fokata hafna li ghandu hafna potenzjal u huwa wkoll intiz li jkompli bl-istudji tieghu fil-qasam tal-industrja tal-catering.

Il-Qorti tifhem li l-imputat jehtieg ghajnuna sistematika biex jeghleb il-vizzju tad-droga - li jidher li hija wahda akuta - u biex izomm 'il boghod mid-delinkwenza li, bla dubju, ixprunat minn dan il-vizzju. Tifhem ukoll illi din l-ghajnuna ghandha tinghata lill-imputat tempestivament sabiex jista' jkompli jsahhah u jikkonsolida l-hidma li saret, biex jigi attwat il-pjan ta' kura gia` mfassla, kif ukoll sabiex tigi msahha l-motivazzjoni tal-imputat biex itejjeb lilu nnifsu halli b'transizzjoni ghal hajja produttiva u ta' ghaqal, l-imputat jista' jirriforma ruhu f'din l-eta` li hija tant krucjali ghall-formazzjoni tal-futur tieghu. Mir-rapport ta' qabel is-sentenza jirrizulta illi l-imputat jinsab riferut ghall-programm tal-Ibwar fi hdan il-Caritas li huwa mistenni jibda fl-24 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti fic-cirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati, taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficja tal-Probation fir-rapport ta' qabel is-sentenza u hija tal-fehma li l-imputat ma ghandux jigi mtellef mill-opportunita` li jibbenefika mill-programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu, anke ghaliex l-Ufficjal tal-Probation esprimiet ukoll il-fehma li

fil-prezent, piena ta' prigunerija x'aktarx tkun ta' detriment ghall-attwazzjoni tal-pjan ta' kura u kwindi ghall-progress tal-imputat.

Minn dan kollu il-Qorti hi sodisfatta li fic-cirkostanzi tal-kaz, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-imputat, is-sorveljanza tieghu minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-istess imputat u biex jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel il-ħati jew li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra. Ghalhekk tiqs li jkun adatt li l-hati ghandu jitpogga taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghaz-zmien kollu li taghti l-ligi. In vista ta' dan kollu u ghall-fini tat-tieni imputazzjoni u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, il-Qorti tqis li ma ghandhiex tittratta lill-hati ghar-reat li ghalih diga` gie mqieghed taht Ordni ta' Probation.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(c)(e), 267, 269, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda ssib lil DANTE BUHAGIAR hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-hati taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation moghtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas kumpens lil Giorgia Buhagiar fis-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250), liema kumpens ghadu jithallas fi zmien sena mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor,**

**jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u rat ukoll illi l-ħati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma ruhu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta'** ***Probation*****.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation mahrug fil-konfront tal-hati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**Billi ma nhatru ebda esperti jew periti fil-proceduri odjerni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba li saret ghall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**